# Użu rampanti u bla kontroll ta' apparat illegali tal-għajjat elettroniku

## L-istaġun tal-insib ikompli mingħajr ma tintlaħaq il-kwota

BirdLife Malta llum qed ittenni s-sejħa li saret il-ġimgħa l-oħra mill-CABS, il-Kumitat Kontra l-Qtil tal-Għasafar (agħfas fuq il-ħolqa ta' hawn taħt) biex jingħalaq l-istaġun tal-insib għall-Pluviera (Golden Plover), wara li fl-aħħar ftit ġimgħat kellna passa eċċezzjonali ta' din l-ispeċi li wasslet għal attività tal-insib mifruxa maż-żewġ gżejjer, ħafna drabi billejl, bl-użu illegali ta' apparat tal-għajjat elettroniku biex jattira lil dawn l-għasafar.

Flimkien ma' din l-istqarrija, BirdLife Malta qed ixxandar filmat (agħfas fuq il-ħoloq ta' hawn taħt) li juri l-użu ta' dan l-apparat tal-għajjat elettroniku *(electronic callers)* f'diversi lokalitajiet fil-kampanja. Dan il-filmat juri kif l-użu ta' dan l-apparat illegali hu rampanti u bla kontroll.

Tul Novembru u Diċembru konna qed nirċievu ta' kuljum rapporti minn membri tal-pubbliku dwar l-użu ta' dan l-apparat tal-għajjat elettroniku għall-insib tal-Pluvieri matul il-ġurnata u matul il-lejl, bi ftit jew xejn azzjoni min-naħa tal-pulizija biex dan jiġi kkontrollat.

Mistoqsijiet li saru lill-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) waqt laqgħa tal-Kumitat Ornis li saret nhar il-Ħamis jikxfu kif għalkemm kienet rappurtata preżenza ta' bejn 30 u 35 uffiċjal tal-infurzar fil-kampanja tul l-istaġun tal-insib, tul l-aħħar 4 xhur ta' kaċċa u nsib inħarġu biss 11-il multa fuq l-użu tal-apparat tal-għajjat elettroniku – ammont miżeru meta tqis li tul dan il-perjodu kien hemm madwar 10,000 kaċċatur u 4,000 nassab fil-kampanja Maltija.

Wara l-emendi li ġew proposti mid-WBRU fl-2013 għar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, l-użu ta' dan l-apparat tal-għajjat elettroniku ġie dekriminalizzat, u llum minflok jispiċċaw il-qorti dawk li jinstabu ħatja ta' ksur tal-liġi jeħlu biss multa ta' €250. Għalkemm din il-bidla saret biex suppost twassal għal infurzar aktar effettiv, jidher li l-effett tagħha qed ikun proprju l-oppost.

Saret prassi li tul l-istaġun tal-insib dan l-apparat jinxtegħel awtomatikament fil-kampanja f'diversi postijiet fejn jinstabu l-imnasab u jintefa' malli tinxtamm l-inqas preżenza tal-pulizija jew ta' membri tal-pubbliku li jistgħu jirrappurtaw lill-awtoritajiet.

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

Waqt il-laqgħa tal-Kumitat Ornis ta' nhar il-Ħamis, id-WBRU ikkonfermat ukoll li l-kwota ta' 700 Pluviera allokata għall-istaġun tal-insib ta' din is-sena għadha ma ntlaħqitx, minkejja li l-*birdwatchers* osservaw waħda mill-aħjar snin għall-passa ta' din l-ispeċi.

"Filwaqt li l-użu ta' *electronic callers* hu mingħajr kontroll, dan l-apparat hu effettiv ħafna biex jattira l-għasafar lejn l-imnasab, u llum sar parti integrali mill-kampanja rurali tagħna," ikkummenta l-Conservation Manager ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara. Dan imur kontra l-ispirtu ta' superviżjoni stretta li tesiġi din id-deroga li suppost tistabbilixxi total ta' 6 għasafar li jistgħu jinqabdu minn kull nassab, bl-insib jieqaf meta jintlaħaq dan in-numru.

BirdLife Malta testendi l-appell lill-membri tal-pubbliku biex ikomplu jirrappurtaw kull illegalità li jaraw billi jċemplu fuq 119. L-użu ta' dan l-apparat u l-postijiet fejn jiġi osservat għandhom ikunu reġistrati bil-GPS u għandhom jiġu rrappurtati mill-ewwel ukoll lil BirdLife Malta fuq info@birdlifemalta.org.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Is-sejħa li għamlet il-CABS il-ġimgħa l-oħra biex jingħalaq l-istaġun:
http://www.komitee.de/en/actions-and-projects/malta/trapping/call-end-plover-trapping-season

Ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi:
http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11548&l=2

**Niżżel il-filmat minn hawn: https://we.tl/wtVJ6CFB8w jew segwih fuq YouTube hawnhekk: https://youtu.be/KxQ_SzaVSC8**

- Filmat li juru l-użu ta' apparat illegali tal-għajjat elettroniku f'diversi postijiet fil-kampanja Maltija (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Iryna Lukashuk)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/s5kXR5OJJr**

1. Pluviera maqbuda f'gaġġa għall-insib (Ritratt ta' Steven Williams)
2. Mansab tal-Pluvieri f'Delimara li minkejja li hu soġġett għal azzjoni ta' infurzar minħabba l-użu ta' apparat illegali tal-għajjat elettroniku u illegalitajiet oħrajn, għadu attiv sal-lum (Ritratt ta' BirdLife Malta)
3. (sa 6.) Għadd ta' ritratti ta' qatgħa Pluvieri tittajjar fuq l-inħawi tal-ajruport fid-29/11/2016 (Ritratti ta' Ray Galea)